MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Numru 614/2013

Il-Pulizija
(Spettur Saviour Baldacchino)
vs
Ludwig Cassar

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 17084 (M), akkuzat talli:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Daniel Cassar u dan skont kif certifikat minn Dr Ryan Grech MD, Med Reg 5354 tal-Isptar Mter Dei, permezz ta' arma regulari bi ksur tal-Artikolu 216 u 217 tal-Kap 9.
2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Melissa Maria Bellante biza' li ser tintuza vjolenza kontrieha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza bi ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9;

3. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe bieb ta' residenza gewwa Gzira bi ksur tal-Artikolu 325(1)C tal-Kap 9;
4. Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu arma regulari u cioe 'telescopic t4runcheon' minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Ukoll talli sar ricedivist b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imnaqqsa.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Daniel Cassar, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah u ssibu hati;

Rat l-Artikoli 216, 251B(1), 325(1)(c), 49 u 50 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 3 u 51 tal-Kap 480;

Tiddeciedi : 1. li tikkundannah ghal 700 Euro multa;
2. li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tliet snin
millum;
3. tordna ordni ta' protezzjoni kontra tieghu ghal perjodu ta' tliet snin millum
skont l-annessa formola bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 412C(4) tal-Kap 9

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------